# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 247/2020/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*OMISSIS OMISSIS*

Illum il-ħamsa (5) ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat ***OMISSIS OMISSIS***, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru ***OMISSIS***, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli ġewwa dawn il-Gżejjer bejn April 2019 u Ġunju 2020 b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. fl-istess ċirkostanzi b'għemil żieni, ikkorrompa lil ***OMISSIS OMISSIS*** mwielda fit-***OMISSIS***;

2. fl-istess ċirkostanzi, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u ċioè ***OMISSIS OMISSIS*** mwielda fit-***OMISSIS***;

3. fl-istess żmien lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil ***OMISSIS OMISSIS*** mwielda fit-***OMISSIS*** il-biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. ħebb kontra ***OMISSIS OMISSIS*** sabiex jinġurja, iddejjaqha jew jagħmillha ħsara.

Il-Qorti ġiet mitluba li, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' ***OMISSIS OMISSIS*** kif ukoll għal familjari tagħha.

Finalment, il-Qorti giet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni għas-sigurta' ta' ***OMISSIS OMISSIS*** *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 31, 202, 203(1), 204C(1) u (3) u 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li fuq nuqqas ta' provi ma sabitx lill-imputat ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu, sabitu ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u minħabba li qieset it-tieni (2) imputazzjoni bħala mezz għal fini tal-ewwel (1) imputazzjoni, b'applikazzjoni ta'

Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza. Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fil-5 ta' Ġunju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: 1. Tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonferma fil-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u fil-parti tal-piena nflitta timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024, is-sottomissjonijiet finali bil-fomm da parte tal-konsulent legali tal-appellat u fl-istess seduta semgħet lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali tiddikjara li ma kellha xejn aktar x'iżżid mar-Rikors tal-appell.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Mejju 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellat u ***OMISSIS OMISSIS***, li fiż-żmien li jsiru riferenza għalihom l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat allura imputat kellhom tmintax (18) u erbatax (14)-il sena rispettivament, kellhom relazzjoni minn liema relazzjoni kellhom tarbija bejniethom.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-uniku aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu, liema aggravju jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat. L-

Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jibda billi jgħid li mhijiex l-intenzjoni tiegħu li l-piena tal-Ewwel Qorti tiġi mibdula għal waħda ta' priġunerija jew waħda sospiża. Huwa jifhem kemm każijiet bħal dawk mertu ta' dan il-każ kapaċi jkunu problematiċi pero' jisħaq li dak li nstab ħati tiegħu l-appellat mill-Ewwel Qorti mhumiex reati trivjali u ma għandhomx jitqiesu hekk. Jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat mhijiex waħda li tirrifletti l-portata ta' dan il-każ. Jgħid li din il-piena hekk kif erogata hija waħda wisq klementi u dana b'mod speċjali meta wieħed iżomm f'moħħu li r-reati in kwistjoni huma ta' natura sesswali u ġew kommessi fuq minuri ta' erbatax (14)-il sena u meta jiġi kkunsidrat li ma kienx hemm ammissjoni bikrija li timmilita favur l-appellat. L-appellant jisħaq li kieku l-appellat jitpoġġa taħt Ordni ta' *Probation ai termini* ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kieku din tkun tirrifletti ċ-ċirkostanzi u l-fatti tal-każ odjern, tista' tiffaċilita l-assikurazzjoni tar-rijabilitazzjoni tal-appellat u tiġi protetta s-soċjeta' minn xi dannu li jista' jagħmel l-appellat jew li jiġi prevenut milli jagħmel reati oħra.

Illi dwar l-aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' reviżjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana**

(Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:
>
>> "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi minn qari tal-atti proċesswali u minn qari tar-Rikors tal-appell tal-appellant wieħed *jista'*, b'xi mod jew ieħor, jikkunsidra li l-applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' dak li l-appellat ġie misjub ħati tiegħu bħala piena leġġera. Minkejja dan, pero' l-Avukat Ġenerali ma jinsistiex għal piena ta' priġunerija effettiva jew għal piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż pero' jgħid li kien ikun aħjar kieku l-appellat tpoġġa taħt Ordni ta' *Probation ai termini* ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti qieset mhux biss dak li ġara quddiem l-Ewwel Qorti f'dan il-każ u dak li jirriżulta mill-atti proċesswali pero' qieset ukoll il-fedina penali aġġornata tal-appellat li ġiet eżebita mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti. Għandu jingħad li minkejja li l-appellat ma għandux fedina penali kompletament nadifa, il-fedina penali tiegħu hija waħda li mhijiex allarmanti. Fl-

istess waqt din il-Qorti, filwaqt li tista' tifhem il-preokkupazjoni tal-appellant Avukat Ġenerali fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellat tant li skont hu jkun aħjar kieku l-appellat jitpoġġa taħt Ordni ta' *Probation*, pero' din il-Qorti ma rriskontratx il-ħsibijiet tal-istess Avukat Ġenerali fil-konfront tal-appellat. Għal kull buon fini jingħad li ***OMISSIS OMISSIS*** għażlet li ma tixhidx quddiem l-Ewwel Qorti wara li ddikjarat quddiem il-Qorti msemmija li hija għandha wild mill-imputat ossia l-appellat. Jingħad ukoll li anqas l-appellat allura imputat ma xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Apparti dan, jirriżulta mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti qieset it-tieni (2) imputazzjoni bħala mezz għal fini tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** (Numru 18/2002), il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "il-piena m'għandiex isservi bħala xi forma ta' vendikazzjoni tas-soċjeta' fil-konfront tal-ħati. Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jiġi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Taħt dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-riżarciment tad-dannu da parti tal-ħati kif ukoll ir-riforma tal-istess ħati. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta' dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Il-Qrati ta' ġustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanċ ġust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena."

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti, mingħajr ma tnaqqas b'xi mod jew ieħor in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat u li huwa

nstab ħati tagħhom, ma tara l-ebda raġuni għala għandha tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u għaldaqstant l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi ż-żmien ta' tliet (3) snin ta' libertà kondizzjonata msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

Finalment, sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri konċernata, din il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isimha u tal-appellat fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**